MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-18 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 349/2008

Vodafone Malta Limited (C10865).

Vs

Reuben Micallef (Id. 134274M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u seba u erbghin Ewro u sitta u tletin centezmu (€1547.36) minghand il-konvenut, in konnessjoni ma' *mobile phone* bin-numru 99031144. Illi l-konvenut interpellat sabiex ihallas baqa' inadempjenti. Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma l-Avviz u l-mandat ta' qbid bin-numru 1068/2008, u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' elf, hames mija u seba u erbghin Ewro u sitta u tletin centezmu (€1547.36), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------